MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tat-18 ta' Gunju, 2013

Appell Kriminali Numru. 58/2012

**Appell Nru. 58/2012**

**Il-Pulizija**
**(Spt. Yvonne Farrugia)**
**Vs**
**Paul Cutajar**

**Illum 18 ta' Gunju, 2013**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant [detentur tal-karta tal-identita` numru 270460(M)] quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli
1. fit-3 ta' Gunju, 2008 wara tfittxija li saret minn Ufficjali tal-Pulizija u tad-Dwana fir-residenza fuq imsemmija ta' l-istess Paul Cutajar, instab li f'dik il-gurnata xjentement kellu fil-pussess tieghu u/jew depozitati ghandu u/jew kif ukoll kellu b'xi mod x'jaqsam fil-garr, twarrib jew habi, jew ukoll xjentement ghin jew assista filli

jigu mdahhla f'Mlta sigaretti bla dazju, fi kwantita` kif deskritt hawn taht :
i. 18-il kartuna b'200 sigarett kull kartuna Marlboro
ii. 2 kartuniet b'200 sigarett kull kartuna Mond Lights
iii. 22 kartuna b'200 sigarett kull kartuna Gauloises Blondes
iv. 16-il kartuna b'200 sigarett kull kartuna Newport Lights Menthol Gold
v. 5 kartuniet b'200 sigarett kull kartuna Dunhill Menthol
vi. Kartuna b'200 sigarett Bon International
vii. Kartuna b'200 sigarett Brilliant Lights
Valur €377 – Dazju ta' importazzjoni €217.15 – Dazju tas-Sisa €1414.51 – Taxxa fuq il-Valur Mizjud €361.56.

2. u aktar talli fit-3 ta' Gunju 2008 u x-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, xjentement kontra l-ligi ddispona minn sigaretti ta' din ix-xorta, bil-hsieb li jiffroda lill-Gvern minn Dazji u t-Taxxa li jkun imiss jithallas fuqhom jew biex jehles minn xi projbizzjoni jew limitazzjoni tad-Dwana dwar dawn is-sigaretti, u dan fi kwantita kif jidher hawn taht :
i. 2 kaxxi, b'50 kartuna kull kaxxa, b'200 sigarett kull kartuna Winston Lights
ii. Kaxxa, b'50 kartuna kull kaxxa, b'200 sigarett kull kartuna American Legend
iii. Kaxxa, b'30 kartuna kull kaxxa, b'200 sigarett kull kartuna Newport Lights
Valur €1044.00 – Dazju ta' importazzjoni €601.34 – Dazju tas-Sisa €3942.72 – Taxxa fuq il-Valur Mizjud €1005.85.

Dawn is-sigaretti, li l-importazzjoni u l-pussess taghhom huma pprojbiti u/jew ristretti u/jew limitati, ghandhom Valur totali ta' €1421.00, Dazju tas-Sisa dovut ta' €5357.23 u wkoll Dazju ta' Importazzjoni u Taxxa fuq il-Valur Mizjud (V.A.T) li jammontaw ghal €818.49 u €1367.41 rispettivament, liema dazji u taxxa ma kienux gew imhallsa u/jew kawtelati.

3. talli fit-3 ta’ Gunju, 2008, wara tfittxija li saret minn Ufficjali tal-Pulizija u tad-Dwana fir-residenza fuq imsemmija ta’ l-istess Paul Cutajar, instab li f’dik il-gurnata xjentement kellu fil-pussess tieghu u/jew depozitati ghandu u/jew kif ukoll kellu b’xi mod x’jaqsam fil-garr, twarrib jew habi, jew ukoll xjentement ghin jew assista filli jigu mdahhla f’Malta sigaretti bla dazju, fi kwantita` kif deskritt hawn taht :

i. 18-il kartuna b’200 sigarett kull kartuna Marlboro
ii. 2 kartuniet b’200 sigarett kull kartuna Mond Lights
iii. 22 kartuna b’200 sigarett kull kartuna Gauloises Blondes
iv. 16-il kartuna b’200 sigarett kull kartuna Newport Lights Menthol Gold
v. 5 kartuniet b’200 sigarett kull kartuna Dunhill Menthol
vi. Kartuna b’200 sigarett Bon International
vii. Kartuna b’200 sigarett Brilliant Lights

Valur €377.00 – Dazju ta’ Importazzjoni €217.15 – Dazju tas-Sisa €1414.51 – Taxxa fuq il-Valur Mizjud €361.56.

4. u aktar talli fit-3 ta’ Gunju 2008 u x-xhur ta’ qabel, f’dawn il-Gzejjer, xjentement kontra l-ligi ddispona minn sigaretti ta’ din ix-xorta, bil-hsieb li jiffroda lill-Gvern minn Dazji u t-Taxxa li jkun imiss jithallas fuqhom jew biex jehles minn xi projbizzjoni jew limitazzjoni tad-Dwana dwar dawn is-sigaretti, u dan fi kwantita` kif jidher hawn taht

i. 2 kaxxi, b’50 kartuna kull kaxxa, b’200 sigarett kull kartuna Winston Lights
ii. Kaxxa, b’50 kartuna kull kaxxa, b’200 sigarett kull kartuna American Legend
iii. Kaxxa, b’30 kartuna kull kaxxa, b’200 sigarett kull kartuna Newport Lights

Valur €1044.00 – Dazju ta’ importazzjoni €601.34 – Dazju tas-Sisa €3942.72 – Taxxa fuq il-Valur Mizjud €1005.85

Dawn is-sigaretti, li l-importazzjoni u l-pussess taghhom huma pprojbiti u/jew ristretti u/jew limitati, ghandhom Valur totali ta’ €1421.00, Dazju tas-Sisa dovut ta’ €5357.23 u

wkoll Dazju ta’ Importazzjoni u Taxxa fuq il-Valur Mizjud (V.A.T) li jammontaw ghal €818.49 u €1367.41 rispettivament, liema Taxxa ma gietx imhallsa u/jew kawtelata.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tas-26 ta’ Jannar, 2012, li biha, wara li rat l-artikoli 60(a)(b)(c)(d)(k), 61(c)(e)(f)(g)(h)(i)(k) proviso (a) tal-istess, 16(e)(j), regolament 7, Taqsima C, Sitt Skeda tal-Kap. 382, l-artikolu 80 tal-Kap. 406 u l-artikolu 17(b) tal-Kap. 9, sabet lill-appellant hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u kkundannatu multa komplessiva ta’ €16890.98 li minnhom €5630 jitqiesu bhala dejn civili pagabbli minnufih lill-Kontrollatur tad-Dwana b’zieda ta’ sitt xhur prigunerija li b’applikazzjoni ta’ l-artikolu 28A tal-Kap. 9 gew sospizi ghal sena.
Ordnat il-konfiska ta’ l-oggetti.
Il-Qorti spjegat lill-appellant ir-responsabilitajiet tieghu skond is-sentenza.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fis-6 ta’ Frar, 2012, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma u timmodifika s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fil-parti fejn sabet lill-esponent hati fuq l-ewwel u t-tielet akkuzi u thassaraha u tirrevokaha in kwantu sabitu hati tat-tieni u r-raba` akkuzi u ghalhekk tiddikjarah mhux hati ta’ dawn l-ahhar zewg akkuzi u tilliberah minnhom, u kif ukoll thassaraha u tirrevokaha f’dik il-parti tal-piena inflitta fuqu mill-Ewwel Qorti, bl-eccezzjoni ghall-Ordni tal-konfiska tas-sigaretti elevati, u minflok taghtih piena relattiva biss ghall-ewwel u t-tielet akkuzi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant huma s-segwenti w cioe':-
Illi l-Ewwel Onorabbli Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi mressqa quddiemaha ghax b’dawk il-provi li

tressqu ma kellhiex tirrizulta htija fir-rigward tat-tieni u r-raba imputazzjonijiet lilu imputati u cioe` l-esponent qatt ma kellu jinstab hati li ddispona minn kwantita` ta' sigaretti u cioe` minn (i) 2 kaxxi b'50 kull kaxxa b'200 sigarett kull kartuna tal-marka Winston Lights, (ii) kaxxa b'50 kartuna kull kaxxa b'200 sigarett kull kartuna tal-marka American Legend, u kaxxa b'30 kartuna kull kaxxa b'200 sigarett kull kartuna tal-marka Newport Lights u konsegwentement l-esponent ma kellhux jehel il-piena li wehel fir-rigward ta' dawn iz-zewg imputazzjonijiet.

Illi meta fit-3 ta' Gunju 2008 saret it-tfittxija fid-dar ta' residenza ta' l-esponent kienu gew elevati kwantita` ta' sigaretti u cioe` (i) 18 pkts Marlboro x 200 cigts each; (ii) 2 pkts Mond Lights x 200 cgts each; (iii) 22 pkts Gauloises Blondes x 200 cgts each; (iv) 16 pkts Newport Lights x 200 cgts each; (v) 5 pkts Dunhill Menthol x 200 cgts each; (vi) 1 pkt Bon International x 200 cgts; u (vii) 1 pkt Brilliant x 200 cgts (ara Dok YF4 a fol. 19 a tergo tieghu ripetut bhala Dok. JB3 a fol. 23 u ara wkoll "Seizure Note" Dok. JB1 a fol. 20) b'kollox 65 kartuna b'200 sigarett kull kartuna. Dan jinsab ukoll korroborat mix-xhieda ta' Lawrence Montesin, Spettur fl-Enforsement Unit tad-Dwana, li ha parti fit-tfittxija u l-elevazzjoni tas-sigaretti (ara chieda a fol. 26) u ta' PC 1305 Silvio Zammit li assista wkoll dak inhar tat-3 ta' Gunju, 2008 (ara fol. 30). Dan kollu b'riferenza ghall-ewwel u t-tielet imputazzjonijiet.

Illi waqt din l-istess tfittxija nstabu wkoll erba` (4) kaxex jew "master cases", tnjen kienu tal-marka Winston, wahda tal-marka American Legend, u l-ohra tal-marka Newport Lights. Fihom kien hemm il-pakketti tas-sigaretti elevati u msemmija fis-Seizure Note. U ghalhekk kif spjega x-xhud Michael Grima, ufficjal tad-Dwana li ha parti waqt it-tfittxija u l-elevazzjoni tas-sigaretti (ara fol. 31) "il-kontenut fihom ma kienx jikkorrispondi ghas-sigaretti li sibna apparti ghal Newport Lights" (ara ukoll ix-xhieda ta' Lawrence Montesin a fol. 26 u x-xhieda in kontro ezami ta' l-Ispettur Yvonne Farrugia a fol. 12). Dan ifisser illi l-erba (4) kaxex imsemmija fit-tieni u fir-raba imputazzjonijiet kienu kaxex kontenenti s-sigaretti maqbuda tal-marka

Marlboro, Mond Lights, Gauloises Blondes, Newport Lights Menthol Gold, Dunhill Menthol, Bon International u Brilliant Lights, u konsegwentement l-esponent ma setgha qatt jinstab hati tat-tieni u r-raba imputazzjonijiet stante illi ma gew elevati l-ebda sigaretti tal-marka Winston Lights, American Legend, u Newport Lights. Jgi rilevat illi s-16 il-kartuna tal-marka “Newport Lights Menthol Gold” li kienu fil-“master case” ta’ l-isem “Newport Lights” u li kienu gew elevati waqt it-tfittija jinsabu gia msemmija bhala item (iv) fl-ewwel u fit-tielet imputazzjonijiet. Fix-xhieda guramentata tieghu l-esponent spjega illi l-“master cases” tas-sigaretti Winston, american Legend u Newport Lights qatt ma kienu ghandu ghax qatt ma xtrathom. Is-sigaretti elevati kien ircevihom f’dawn il-“master cases” kif fil-fatt instabu waqt it-tfittxija (ara fol. 24/25).

Illi ghalhekk il-konkluzzjonijiet ta’ l-Ewwel Onorabbli Qorti li sabitu hati fuq l-imputazzjonijiet kollha jaghmlu s-sentenza taghha bhala “unsafe and unsatisfactory” fis-sens illi dik il-Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, qatt ma setghet tasal ghall-htija fuq it-tieni u r-raba imputazzjonijiet u allura qatt ma setghet tikkundannah ghal dik il-multa komplessiva ta’ €16,890.98 li wehhlitu.

Illi ghandu jinghad ukoll illi dina l-Onorabbli Qorti ghandha, fuq l-iskorta ta’ diversi sentenzi moghtija ricentement, tiskarta l-istqarrija li ghamel l-imputat mal-Pulizija (Dok. YF1 a fol. 13/14) minghajr l-assistenza ta’ Avukat u allura bi ksur tad-drittijiet ta’ l-esponent ghal smiegh xieraq (“fair trial”) kif sanciti in partikolari fl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Europea tad-Drittijiet tal-Bniedem (ara fost ohrajn “Charles Steven Muscat vs Avukat Generali”, Qorti Civili, Sede Kostituzzjonali, Rikors 75/2010 GC, deciza 10 ta’ Ottubru 2011 u “Repubblika ta’ Malta vs Martin Dimech”, riferenza Kostituzzjonali 43/2010 MCH, deciza 10 ta’ Jannar 2012).

Ikkunsidrat.

Irrizulta mill-provi illi fit-3 ta’ Gunju, 2008 il-pulizija u l-ufficjali tad-Dwana ghamlu tfittxija fid-dar tar-residenza ta’ l-appellant 11 Triq tal-Brolli, Birzebbuga minn fejn instabu kwantita ta’ kartun tas-sigaretti, b’kull kartuna fiha 200

sigarett. L-appellant stqarr illi kien xtara dawn is-sigaretti b'irhis minn ghand certa crew members Filippini li kienu zbarkaw mill-Freeport. Dawn is-sigaretti maqbuda kienu go kaxxi jew master cases ta' marka ohra tas-sigaretti u cioe' tal-marka "Winston Lights", "American Legand", u "Newport Lights", liema kaxxi l-esponent kien uza biex garr is-sgaretti elevati mill-Freeport sad-dar tar-residenza tieghu. L-appellant qed jargumenta illi mhuwiex kontestat illi kellu jinstab hati tas-sigaretti illi effettivament instabu fil-pussess tieghu pero' ma kellux jinstab hati tat-tieni u r-raba' akkuza li ddispona mis-sigaretti ghax il-kaxxi kienu vojta u b'hekk ma setax jinstab hati ta' xi haga mmaginarja. Staqsa minn fejn giet ic-cifra ta' 180 grossa u ghaliex din ic-cifra ma kelliex tkun anqas jew aktar. Fir-rikors ta' l-appell tieghu l-appellant talab lill-Qorti sabiex tiskarta l-istqarrija peress illi meta nghatat ma kellux l-assistenza ta' avukat u dan kien jelledi d-dritt tieghu ta' smieh xieraq kif sanciti fl-Artiklu 6 tal-Konvenzjni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.

Ikkunsidrat.

Dwar dan l-ahhar ilment li l-istqarrija kellha tkun sfilzata 'l ghaliex l-appellant ma kienx assistit fil-bidu nett ta' l-arrest tieghu, din il-Qorti taghmel referenza ghal decizjonijiet moghtija ricentament (ara fost ohrajn Charles Stephen Muscat vs Avukat Generali u Gianni Attard vs Avukat Generali) fejn din il-kwistjoni giet trattata u l-Qorti rrilevat li mhux kull nuqqas ta' assistenza legali ghandha twassal ghan-nullita ta' l-istqarrija, izda l-Qorti ghandha tara jekk l-istqarrija hix korroborata minn xhieda ohra u kemm l-akkuzat huwa persuna vulnerabli illi seta' facilment ikun impressjont jew influwenzat mill-fatt illi kien qieghed jigi nterrogat mill-pulizija. F'dan il-kaz irrizulta illi l-appellant fiz-zmien ta' l-arrest tieghu kien persuna matura ta' 48 sena, kien jaf, fehem sew x'kienu qeghdin jghidu l-pulizija u li kellu d-dritt illi jzomm sieket. Dana ma ghamlux u minflok iddecieda li jaghti l-verzjoni tieghu f'din l-istess stqarrija. Ghalhekk il-Qorti jidhrilha illi din il-verzjoni abbinata ma provi ohra li rrizultaw f'dan il-process iwasslu lil din il-Qorti ghal konviciment morali illi ma hemm xejn hazin fl-istqarrija illi ghamel l-appellant lill-pulizija u dina

ghandha tigi kkunsidrata fl-ambitu tal-provi kollha mressqa mill-prosekuzzjoni.

Ikkunsidrat.

L-appellant qieghed jghid illi m'ghandux jinstab hati tat-tieni u r-raba' mputazzjoni li ddispona minn sigaretti li fuqhom ma kienx thallas dazju u dana 'l ghaliex il-kaxxi li nstabu fil-pussess tieghu kienu vojta. Il-Qorti taghmel referenza ghall-istqarrija ta' l-appellant a fol 14 fejn dana jghid illi bejn Jannar u nofs April kien ibieh sigaretti fuq l-idejn izda wara waqaf ghax beza' milli jkompli ...... "Dawn li sabu llum il-pulizija kienu ghandi biex inpejjiphom jien jew tal-familja tieghi ghax wara nofs April ma bqajtx inbieh ......kont wasalt biex naghmel negozju fis-sigaretti ghaliex kelli d-dejn fuq il-loghob."

Hawnhekk l-appellant qieghed jammetti illi ghamel zmien jidsponi minn dawn is-sigaretti llegali billi jbieghhom fuq l-idejn u dan ergo jispjega l-kaxxi vojta li nstabu fil-pussess tieghu. Ovvjament la ddispona mis-sigaretti zgur li mhux se jinstabu fil-pussess tieghu u faclu tasal ghall-ammont tas-sigaretti li nbieghu mill-kobor u l-volum tal-kaxxi vojta li nstabu fil-pussess ta' l-appellant. Ghalhekk din il-Qorti jidhrilha illi l-ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha setghet ragonevalment u legalment tasal ghal-konkluzjoni illi waslet ghaliha u ghalhekk mhux il-kaz illi din id-decizjoni tigi disturbata.

Ghal dawn il-mottivi taqta u tiddeciedi li tichad l-appell u tikkonferma s-Sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------